**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

# MINUTI

`

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 95/2017

14 ta' Novembru, 2018

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Ivan Agius – Vici-Sindku
James Cauchi – Kunsillier
Roderick Mamo – Kunsillier
Antonia Perini - Kunsilliera

**SKUZATI:**
Pablo Cachia Belli – Kunsillier

**ASSENTI:**
Noyah Spiteri – Kunsilliera

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**95.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

95.1.1 Is-Sur Pablo Cachia Belli kien baghat ittra (Dok E) li permezz taghha talab lill-Kunsill Lokali jiggustifika n-nuqqas ta' attendenza tieghu ghas-seduta minhabba ragunijiet ta' studju . Fuq kunsiderazzjoni tas-Sindku ssekondata mis-Sur James Cauchi, il-Kunsill Lokali unanimament iggustifika n-nuqqas tas-Sur Pablo Cachia Belli.

**95.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

95.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 91 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-Seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

95.2.2 Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur James Cauchi ssekondata mis-Sur Roderick Mamo, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

95.2.3 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

95.2.4 Il-minuti ta' seduta b'urgenza numru 92 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-Seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

95.2.5 Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Roderick Mamo ssekondata mis-Sa. Antonia Perini, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

95.2.6 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

95.2.7 Il-minuti ta' seduta b'urgenza numru 93 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-Seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

95.2.8 Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Roderick Mamo ssekondata mis-Sur James Cauchi, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

95.2.9 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

95.2.10 Il-minuti ta' seduta b'urgenza numru 94 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-Seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

95.2.11 Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Ivan Agius ssekondata mis-Sur Roderick Mamo, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

95.2.12 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

**95.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

95.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'laqgha li kellha mal-Onor. Chris Agius u li matulha gie diskuss il-progett ta' grawnds Peppi Delceppo.

95.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif ippjanat kienet inzammet attivita' internazzjonali relatata mal-qasam sportiv (triathlon). Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi l-attivita kienet qieghda tigi meqjusa bhala success.

95.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'laqgha li kienet inzammet ma' Heritage Malta u li matulha kien hemm qbil illi l-istess Heritage Malta tpoggi zewg kanuni quddiem il-monument tal-Gwerra li kien hemm fi Triq Dom. Mintoff.

95.3.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'laqgha li flimkien mal-Arcipriet kienet zammet ghal barranin li kienu jghixu fil-Kottonera. Minbarra li ghaddiet informazzjoni dwar dak li kien gie diskuss is-Sa. Zerafa Civelli infurmat lill-Kunsill Lokali li kien hemm qbil illi jsir kors tal-Malti ghall-istess barranin bl-ispejjez rispettivi jigu mhallsa b'mod individwali.

95.3.5 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'laqgha li kienet inzammet ma' rapprezentanti tal-Universita' Amerikana ta' Malta u rapprezentanti tal-Gvern Centrali bil-ghan illi jissewwew hsarat fi dwal li kien hemm f'bacir numru 1 u z-zona tal-madwar.

**95.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

9154.1 Ma kienx hemm.

**95.5 Approvazzjoni ta' skedi ta' hlasijiet**

95.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru010/18) ghall-approvazzjoni.

95.5.2 Fuq proposta tas-Sur James Cauchi ssekondata mis-Sur Roderick Mamo, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

95.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista' ta' petty cash mahrug matul ix-xahar ta' Ottubru 2018 ghall-approvazzjoni.

95.5.4 Fuq proposta tas-Sur Roderick Mamo ssekondata mis-Sur Ivan Agius, il-Kunsill Lokali unanimament approva id-dokument li jinsab anness u jifforma parti minn dawn il-minuti (DOK B).

## 95.6 Rapport Finanzjarju tat-Tlett Xhur (Lulju –Settembru 2018)

95.6.1 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abbozz tar-rapport finanzjarju ta' kull kwart ghall-perjodu Lulju –Settembru 2018 ghad-diskussjoni u stiednet lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jaghti spjegazzjoni dettaljata tal-istess rapport finanzjarju

95.6.2 Wara li s-Segretarju Ezekuttiv spjega lill-Kunsilliera prezenti l-kontenut tad-dokument imsemmi u wiegeb mistoqsijiet li saru mill-Kunsilliera, fuq kunsiderazzjoni tas-Sa. Antonia Perini ssekondata mill-Kunsillier Roderick Mamo, il-Kunsill Lokali unanimament approva d-dokument hekk kif imressaq.

## 92.7 Sejhiet ghall-offerti

92.7.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif ippjanat kien gie ffirmat kuntratt relatat mas-servizz ta' accountant.

92.7.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-evalwaturi mahtura mill-Kunsill Lokali kienu ghadhom ma lestewx ix-xoghol mistenni minnhom. Is-Sa. Zerafa Civelli sahqet illi kien ferm importanti illi l-evalwazzjoni titlesta sabiex ix-xoghol ikun jista' jinbeda fl-iqsar zmien possibbli.

92.7.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif ippjanat kienet regghet inharget sejha ghall-offerti ghal xogholijiet fi Triq il-Gendus u Triq il-Polvrista.

92.7.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi flimkien mal-Perit tal-Kunsill Lokali l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet qieghda tahdem fuq abbozz ta' document ghal sejha ghall-offerti ghal xogholijiet fi Grawnds Peppi Delceppo.

## 95.8 Development Planning Fund

95.8.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif ippjanat kienet qieghda tigi sottomessa applikazzjoni sabiex isir progett fiz-zona ta' Hubbard Flats permezz tal-iskema Development Planning Fund tal-Awtorita' tal-Ippjanar. Permezz tal-istess skema, il-Kunsill Lokali kien qieghed jevalwa l-possibilita' illi jimplimenta progett fi Pjazza Santa Margerita.

## 95.9 Attivitajiet

95.9.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni mal-attivita' diamonds of fire 2018, li kienet giet diskussa f'seduti precedenti, ma kienu ingabru ebda' kontribuzzjonijiet. Ghaldaqstant, kien jinthieg illi jigi deciz jekk l-attivita' kelliex issir xorta bil-Kunsill Lokali jaghmel tajjeb ghall-ispiza kollha tal-attivita. Wara diskussjoni libera, fuq kunsiderazzjoni tas-Sa. Alison Zerafa Civelli ssekondata mis-Sur Ivan Agius, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jidhol ghall-ispiza kollha ta' Diamonds of Fire 2018. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi galadarba l-Kunsill Lokali kien ha d-decizjoni msemmija kien ser ikun qieghed jara illi l-fondi mehtiega jitnaqqsu minn spejjez ohra li l-Kunsill Lokali kien ippjana li jaghmel.

95.9.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kien jinhtieg li jigu decizi materji relatati mal-festa tal-Immakulata Kuncizzjoni. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali johrog permessi ghall-gabbani fis-siti li kienu jinhargu fis-snin precedenti. Kellu wkoll ikun hemm gabra ta' skart addizzjonali f'jum il-festa servizz addizzjonali ta' knis fl-istess gurnata. Fuq proposta tas-Sur James Cauchi, kien hemm qbil illi kellhom jinkrew *mobile toilets* hekk kif sehh fl-2017.

## 95.10 Rapporti

95.10.1 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abozz ta' dokument li kien jindika numru ta' assi li kienu mdahhlin fil-fixed assets register u li kien qieghed jigi propost li jigu written off ghal ragunijiet varji. Wara li inqrat il-lista tal-assi u giet diskussa r-raguni rispettiva wara l-proposta ta' write off, fuq kunsiderazzjoni tas-Sur James Cauchi ssekondata mis-Sur Roderick Mamo, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-lista li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti ( Dok C)

95.10.2 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abbozz ta' rapport dwar tabelli li kien jinhtieg jinbidlu f'zona mil-lokalita' skont ezercizzju li l-Kunsill Lokali kien niehda matul l-2017. Wara li gie evalwat ir-rapport li jinsab anness u jifforma parti minn dan id-dokument (Dok D), il-Kunsill Lokali unanimament approva li jinxtraw it-tabelli inkluzi fir-rapport.

95.10.3 Is-Sindku ressqet rapport dwar korrispondenza li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'korrispondenza li intbaghtet mill-

assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali, liema korrispondenza kienet tinkludi ftheim li kien gie ffirmat b'konnessjoni mal-haddiema tal-iskemi RSSL u CWSEF assenjati mal-Kunsillli Lokali.

- Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jidhol ghall-ispiza ta' €3000 + VAT li kien ircieva minghand kuntrattur ghal tizjin ta' dwal ghal zmien il-Milied 2018. Kemm il-darba jingabru kontribuzzjonijiet li jtaffu l-ispiza, il-Kunsill Lokali kellu jidhol ghal spiza addizzjonali ta' €1000 sabiex jintrama dawl ukoll fi Triq Dahlet it-Tlett Ibliet, Triq San Frangisk u Fuq San Pawl.
- Kellha tigi milqugha talba minghand St. Patrick Football nursery sabiex isir uzu minn lasti tal-futbol li kien hemm fi grawnds Peppi Delceppo.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'korrispondenza li kienet ghaddejja b'konnessjoni ma' skema edukattiva u ta' taghlim li l-Kunsill Lokali kien applika ghaliha.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'riceviment li kien ser ikun qieghed jittella' mill-assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali fl-okkazjoni tal-festi tal-Milied 2018.
- Il-Kunsill Lokali kellu jinforma lil individwu li kien applika ghal un/loading bay fi Triq San Frangisk illi l-applikazzjoni kellha ssir direttament ma' Transport Malta.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'korrispondenza li kienet intbaghtet lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali b'konnessjoni mal-iskema ta' progetti kapitali.
- Il-Kunsill Lokali ha decizjoni illi ma kelliex tigi accettata talba ghal installazzjoni ta' U-Channels biswit latrina pubblika fi Triq ix-Xatt.
- Kemm il-darba jkun possibbli kellha jkun hemm assistenza lill-iskola primarja permezz ta' tindif f'zona pubblika bil-ghan illi l-istess sit jigi zviluppat fi gnien.
- Wara diskussjoni libera, il-Kunsill Lokali unanimament approva talba minn ufficjal ezekuttiv ghal tletin gurnata *unpaid leave*.
- Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jidhol ghall-ispiza €1630 ta' sabiex tigi ordnata bicca ghamara ghall-ufficcju amministrattiv. L-istess stima kienet l-orhos fost tliet stimi li kienu ingabru ghall-ghamara imsemmija.

95.10.4 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali dokumentazzjoni dwar applikazzjonijiet ghall-izvilupp li kienu gew sottomessi ghand l-Awtorita' tal-Ippjanar. Filwaqt li kien hemm qbil illi ma kellha tinstab ebda oggezzjoni ghal applikazzjoni bin-numru PA/01026/17, kien hemm diskussjoni libera rigward applikazzjoni numru PA.03125/18 li kienet tikkoncerna applikazzjoni ta' Transport Malta ghal Ferry Landing Place fil-lokalita. Fir-rigward, gie diskuss fid-dettall l-impatt li l-izvilupp propost kien ser ikollu fuq il-lokalita'. Wara l-

imsemmija diskussjoni, is-Sur Ivan Agius ressaq kunsiderazzjoni sabiex il-Kunsill Lokali joggezzjona ghall-izvilupp propost. Is-Sa. Alison Zerafa Civelli talbet illi jigu rregistrati l-voti skont klawsola 3(2) tas-sitt Skeda tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali (kap. 363). Is-Sur Roderick Mamo ssekonda l-kunsiderazzjoni tas-sur Ivan Agius bil-votazzjoni tkun is-segwenti:

Ivan Agius - Favur
Roderick Mamo - Favur
Antonia Perini - Favur
James Cauchi - Astensjoni
Alison Zerafa Civelli – Kontra

B'hekk il-proposta tas-Sur Agius giet approvata b'votazzjoni ta' tliet voti favur, astensjoni wahda u vot wiehed kontra. Is-Sinjuri Alison Zerafa Civelli u James Cauchi qalu illi xtaqu jirrimarkaw li huma ma' kienux qablu mal-proposta mressqa ghall-fatt li huma kienu tal-opinjoni illi l-Kunsill Lokali kellu qabel jiehu d-decizjoni tieghu fir-rigward tal-izvilupp jiddiskuti l-materja mal-applikant u cioe' ma' Transport Malta

**95.11 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

95.20.1 Is-Seduta giet fi tmiemha fit-7:15 p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 18 ta' Dicembru 2018 fil-5:30p.m.

Konfermati, illum ________________________________

___________________ ________________________

**Alison Zerafa Civelli** **Duncan Hall**

Sindku Segretarju Eżekuttiv